MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1609/2004

**Matthew Abela Gauci**

**Vs**

**Jim Cam Enterprises Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650) rapprezentanti kumpens ghall-bonus tax-xahar ta' Gunju u pagi tax-xhur ta' Lulju w Awissu tas-sena 2003 li jallega li kien intitolat ghalihom waqt li huwa kien impjegat mas-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet illi l-bonus ta' Gunju 2003 u l-paga ta' Lulju 2003 thallsu izda ghar-rigward tal-kumplament tat-talbiet dawn m'humiex dovuti izda anzi huwa l-istess attur li ghandu jirrifondi lill-istess socjeta' konvenuta u pprocediet biex ipprezentat Kontro-Talba fejn talbet li l-attur jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' elf u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,078.50c) ghal varji ragunijiet li jigu spjegati aktar tard f'din is-sentenza.

Illi l-attur ikkontesta l-Kontro-Talba tas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur kien impjegat bhala *salesman* mas-socjeta' konvenuta minn Gunju 2002 sad-29 t'Awissu, 2003.

Mill-Avviz jidher li l-attur qed jitlob is-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650) li jsostni li jirrapprezentaw:

1. Bonus ta' Gunju 2003
2. Paga ta' Lulju 2003
3. Paga t'Awissu 2003

Waqt ix-xhieda tieghu pero', huwa spjega li effettivament il-pretenzjoni tieghu tirrapprezenta:

1. Paga t'Awissu 2003
2. Kumpens ta' *twenty (20) working days leave*
3. Bonus ta' Gunju 2003

*Per equipollens* it-Tribunal jidhirlu li l-kumpens mitlub ghal-*leave* li ma ttiehidx ghandu jigi kkunsidrat bhala formanti parti mit-talba – dan anki billi ma gewx ippregudikati d-drittijiet tad-difiza tal-konvenut li ressaq provi fir-rigward u anki dahhalha in kwistjoni fil-mertu tal-Kontro-Talba tieghu.

Ghar-rigward tal-paga u <u>bonus sa Gunju 2003</u> dawn jirrizultaw li thallsu. L-attur isostni li fil-fatt ma rcievix il-bonus u li d-differenza bejn is-salarju u l-ammont li jidher

fuq ic-cekk 1816 a fol 27 tal-process fl-ammont ta' tlett mija u tlieta w erbghin lira Maltin (Lm343) jirrapprezenta *overtime*.

It-Tribunal jidhirlu li ma ngabux provi sufficjenti dwar l-*overtime* u konsegwentement m'ghandux alternattiva hlief li jikkonkludi li l-bonus ta' Gunju 2003 thallas kif jidher mic-cekk imsemmi u mill-prospett JM2 esebit fit-8 ta' Lulju, 2005.

Ghar-rigward tal-paga t'Awissu 2003 flimkien ma' l-*allowance* tal-*mobile* li komplessivament jammontaw ghal mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm285), il-konvenut ma jikkontestax li dawn ma thallsux.

Ghar-rigward tal-paga ta' Lulju 2003, din tirrizulta li thallset u dan anki kif jidher minn Dokument K a fol 24 tal-process.

Jonqos biss li jigi kkonsiderat il-*leave* li allegatament ma ttiehidx. L-attur xehed li kien jonqos li jiehu ghoxrin (20) gurnata *leave*. Il-konvenut esebixxa Nota fejn iddikjara li l-attur kien ha ghoxrin gurnata u nofs (20.5) *leave*. L-attur ikkontesta din id-dikjarazzjoni. L-attur hadem mas-socjeta' konvenuta minn Gunju 2002 sa Awissu 2003 – total ta' erbatax-il xahar li jgibu tmienja u ghoxrin (28) gurnata *leave*. Il-prova fir-rigward ta' x'kien jonqsu milli jiehu bhala *leave* tispetta lill-attur u tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jidhirlu illi l-attur ghandu jigi kkumpensat b'ammont ekwivalenti ghal gimgha u nofs xoghol. Ma' dan ghandha tizdied nofs gimgha ohra billi ma jirrizultax illi l-attur thallas il-pro-rata bonus lilu spettanti ghal Lulju w Awissu 2003 u b'hekk it-Tribunal jidhirlu li l-attur ghandu jircievi s-somma ta' mija w erbghin lira Maltin (Lm140) flimkien mas-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm285) rapprezentanti l-paga t'Awissu 2003 biex b'hekk l-ammont komplessiv igib is-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm425).

Li s-socjeta' konvenuta pprocediet biex ipprezentat Kontro-Talba f'ammont komplessiv ta' elf u tmienja u

sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,078.50c) li tirrigwarda varji partiti.

Minn din is-somma s-socjeta' konvenuta qieghda titlob is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) rapprezentanti *excess* minnha mhallas lis-Citadel Insurance plc u lil Allied Insurance b'rizultat ta' zewg kollizjonijiet li sehhew waqt li l-attur kien qed isuq il-Peugeot vann abjad tal-kumpanija bin-numru ta' registrazzjoni AAQ 132. Waqt ix-xhieda tal-konvenuti huma qalu li fil-fatt l-*excess* huwa ta' hamsin lira Maltin (Lm50) plus mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u anki gew prodotti d-dokumenti fir-rigward.

Is-socjeta' konvenuta qieghda tallega li z-zewg kollizjonijiet sehhew b'tort unikament ta' l-attur u ghalhekk huwa responsabbli biex ihallas dan l-*excess*.

It-Tribunal jidhirlu illi ma ngabux provi sufficjenti dwar dawn iz-zewg kollizjonijiet u f'kull kaz, mid-dokumenti esebiti jidher illi l-attur li kien is-sewwieq kien qed jikkontesta r-responsabbilta'. Ma jirrizultax x'kien l-ezitu finali dwar dawn iz-zewg kollizjonijiet u jekk dawn gewx imressqin ghad- determinazzjoni gudizzjarju. L-assigurazzjoni in kwistjoni hija bejn is-socjeta' konvenuta u l-assigurazzjoni taghha u l-attur ma kienx parti kontraenti hlief ghall-fatt li presumibilment huwa kellu kopertura sabiex ikun jista' jsuq il-vettura in kwistjoni bhala parti mix-xoghol tieghu. Jekk is-socjeta' konvenuta deherilha li l-attur kien responsabbli ghall-kollizjonijiet in kwistjoni illi b'rizultat ta' dawn l-incidenti hija nkorriet danni ossija spejjez ulterjuri, kellhom jingabu provi xierqa u sufficjenti sabiex juru li effettivament kien hemm determinazzjoni xierqa w opportuna dwar ir-responsabbilta' ghall-kollizjonijiet – provi li f'dawn il-proceduri ma tressqux.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi t-talba dwar l-*excess* ghandha tigi michuda.

Saret talba wkoll ghas-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) ghall-prezz ta' *train track* mibjugh mis-socjeta' konvenuta lill-attur. John Mary Camilleri xehed illi dan it-

*train set* kien xtrah *second-hand* bil-prezz ta’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) u kien bieghu lill-attur bl-istess prezz. L-attur isostni li dan it-*train set* kien mormi go garaxx u kien ser jintrema’ u Camilleri kien tahulu minflok ma ramih. John Mary Camilleri ntalab biex jipproduci xi forma ta’ dokumentazzjoni in sostenn ta’ kemm kien xtara dan it-*train set* liema dokumentazzjoni ma gietx prodotta izda giet prodotta semplici dikjarazzjoni ffirmata mill-istess John Mary Camilleri li ghal dan it-Tribunal m’huwiex sufficjenti. Il-fatt dejjem jibqa’ illi dan it-*train set* inzamm mill-attur u ma giex irritornat lis-socjeta’ konvenuta li wriet dispozizzjoni li tircievih basta dan jigi rritornat fl-istess stat li nghata lilu.

Illi inoltre, t-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li dan it-*train set* huwa *second-hand* u ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz, fuq bazi ta’ ekwita’ jidhirlu illi l-kumpens li ghandu jhallas l-attur lill-konvenut ghandu jirrifletti diprezzament addizjonali minhabba c-cirkostanzi fuq premessi u ghalhekk is-somma li ghandu jhallas hija ta’ sittin lira Maltin (Lm60).

Is-socjeta’ konvenuta qieghda titlob ukoll is-somma ta’ mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm141.60c) rapprezentanti <u>hsarat fil-vann</u> bin-numru ta’ registrazzjoni AAQ 132 meta dan gie rritornat mill-attur lis-socjeta’ konvenuta dakinhar li waqaf jahdem maghhom. It-Tribunal m’ghandux dubju illi x-xhieda mressqa mis-socjeta’ konvenuta hija verosimili u li fil-fatt l-attur ikkawza hsara f’din il-vettura, hadha ghat-tiswija temporanja ghand xi hadd il-Mellieha u rritorna l-vann lis-socjeta’ konvenuta b’tali stat illi meta pprova jsuqha John Mary Camilleri sab illi din kienet fi stat perikoluz. It-Tribunal m’ghandux dubju illi l-ammont minfuq mis-socjeta’ konvenuta huwa dak pretiz u stante illi l-attur ma ta l-ebda gustifikazzjoni ghaliex grat din il-hsara, t-Tribunal m’ghandux alternattiva hlief illi jaccetta l-verzjoni kif imressqa mis-socjeta’ konvenuta u jsib lill-attur responsabbli ghad-danni billi huwa jidher li ma hax hsieb l-oggett lilu fdat mis-socjeta’ konvenuta bhala *bonus pater familias*. Huwa kien obbligat illi, jekk il-vettura jkollha xi hsara meta tkun fit-triq, li jhalliha hemm u jcempel lill-principal tieghu – haga li ma

jirrizultax li ghamel. Illi ghalhekk ghandu jbati l-konsegwenzi relattivi u ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm141.60c).

Is-socjeta' konvenuta qieghda titlob ukoll is-somma ta' hames liri Maltin (Lm5) *petty cash* li allegatament thallset lilu f'Gunju 2002. L-attur isostni illi fil-fatt huwa kien hallasha lura. Meta rcieva l-*petty cash* u meta hallas, ma sarux ircevuti u ghalhekk, abbazi ta' dan il-kunflitt, it-Tribunal jidhirlu illi din it-talba ghandha tigi michuda.

Is-socjeta' konvenuta qieghda titlob ukoll is-somma ta' tlett liri Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm3.45c) u sitt liri Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm6.45c) rapprezentanti in parti flus li gabar l-istess attur li m'ghaddiex lill-kumpanija u in parti rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lill-attur u li huwa ma hallasx.

It-Tribunal jidhirlu li huwa t-tieni *item* biss li ghandu jigi kkumpensat ghalih il-konvenut u cjoe' s-somma ta' sitt liri Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm6.45c). Dwar is-somma ta' tlett liri Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm3.45c) li allegatament l-attur gabar u ma hallasx lill-kumpanija, t-Tribunal ma jhossx li ngabu provi bizzejjed.

Is-socjeta' konvenuta talbet kumpens ghas-somma ta' erba' mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm462) rapprezentanti sehem ta' kontribuzzjonijiet ta' l-N.I. izda fil-mori tal-kawza hija ma baqghetx tinsisti fuq din it-talba anzi, cediet din il-parti tal-Kontro-Talba taghha.
Jifdal biss biex tigi determinata dik il-parti tal-Kontro-Talba fejn is-socjeta' konvenuta qieghda titlob kumpens ta' gimaghtejn paga tan-notice li l-attur ma hadimx.

F'dan ir-rigward jirrizulta li l-attur hadem erbatax-il xahar mas-socjeta' konvenuta u ghalhekk kien obbligat li jaghti gimaghtejn notice. Minn dawn il-gimaghtejn huwa hadem biss nofs gurnata u ghalhekk ghandu jikkumpensa lis-socjeta' konvenuta tal-kumplament. Kalkolu bbazat fuq *5-day week* igib illi l-attur ghandu jikkumpensa lis-socjeta'

konvenuta s-somma ta’ mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm133).

Illi ghalhekk bhala riassunt, in vista tal-premess jirrizulta illi l-attur ghandu jhallas lis-socjeta’ konvenuta s-somma ta’ mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm141.60c) tad-danni fil-Peugeot vann, sittin lira Maltin (Lm60) tat-*train track*, sitt liri Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm6.45c) ta’ merkanzija mixtrija mill-attur minghand is-socjeta’ konvenuta li ma hallasx u mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm133) ghan-notice li komplessivament igibu s-somma ta’ tlett mija u wiehed u erbghin lira Maltin u hames centezmi (Lm341.05c). Illi meta wiehed ghalhekk ipaci l-ammont li l-attur ghandu jircievi minghand is-socjeta’ konvenuta u l-ammont li s-socjeta’ konvenuta ghandha tircievi minghand l-attur iwassal ghar-rizultat illi l-attur ghandu jircievi minghand is-socjeta’ konvenuta tlieta u tmenin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm83.95c).

Illi fir-rigward tal-kap ta’ l-ispejjez, dawn ghandhom jirriflettu r-rebh u t-telf rispettiv tal-partijiet.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ tlieta u tmenin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm83.95c) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghas-socjeta’ konvenuta u terz (1/3) ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------